## 7 ta' Marzu, 1955

**Imħallef:**

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Retratt — Simulazzjoni — Art. 155 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni bejn kawżi ta' simulazzjoni u kawżi oħra; u teżiġi indistintament għall-kawżi kollha illi fiċ-ċitazzjoni tiġi mfissra b'mod ċar u sewwa, minbarra l-oġġett, anki r-raġuni tat-talba, jew il-kawżali. Ċitazzjoni li biha tintalab dikjarazzjoni li att apparenti ta' donazzjoni mhux realment donazzjoni, imma negozju ieħor li jagħti lok għar-retratt, ma jistax jingħad li ma tikkontjenix kawżali.*

*Langas jista' jingħad li kawżali hekk dedotta hija monka. Għax, għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-kawżali tkun espressa b'mod lakoniku, iċ-ċitazzjoni ma tkunx nulla jekk dik il-kawżali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuża talment li minħabba f'hekk il-konvenut jiġi preġudikat, għaliex ma jkunx jista' jiddefendi*

*ruħu; u f'każ simili, stante li l-indaġini li trid issir fil-każ ta' simulazzjoni hi dik relattiva għall-"causa simulandi", jekk jiġi stabbilit illi d-donazzjoni kienet simulata, huwa indifferenti jekk fir-realtà kienx jittratta minn bejgħ jew minn xi trasferiment ieħor, basta li jkun tali li jagħti lok għar-retratt.*

*Għaldaqstant mhix nulla ċ-ċitazzjoni minħabba nuqqas ta' kawżali ċara u preċiża billi fiha jingħad li l-att pretiż simulat kien ta' bejgħ jew trasferiment ieħor oneruż, u ma jiġix speċifikat b'mod ċar u preċiż x'inhu n-negozju ġuridiku li hu pretiż li sar taħt l-apparenza tad-donazzjoni.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenuti, apparentement b'titolu ta' donazzjoni, però in realtà b'titolu ta' bejgħ jew trasferiment oneruż, b'att tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona ta' l-1 ta' Frar, 1954, akkwistaw żewġ terzi indiviżi minn porzjoni diviża tal-għalqa denominata "Iċ-ċens ta' l-Imġarr" fl-Imġarr ta' Malta, tal-kejl ta' ċirka 905 qasab kwadri, tmiss mill-majjistral ma' Curate Chetcuti Street, mill-grigal ma' Sir Harry Luke Street, u mix-xlokk u mill-lbiċ ma' żewġ toroq proġettati, bħala suġġetti dawn iż-żewġ terzi għal ċens annwu u perpetwu ta' £60.6.8, taħt l-istess kondizzjonijiet ta' l-att enfitewtiku publikat fl-istess jum u mill-istess nutar, u bl-obligu li l-akkwirenti jirrifondu lill-konċedenti l-ispejjeż li huma nkorrew fl-imsemmi att enfitewtiku; u illi huwa, b'ċedola tad-29 ta' Marzu tas-sena korrenti, irkupra bid-dritt ta' komproprjetà u konsorti fl-utili dominju, u bi kwalunkwe titolu ieħor li tagħtieh il-liġi, l-art fuq deskritta; u illi l-att fuq imsemmi mhux realment donazzjoni, imma bejgħ, għar-raġunijiet li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; jitlob illi, wara li jsiru l-provvedimenti u d-dikjarazzjonijiet opportuni u neċessarji, (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-kuntratt preċitat ta' l-1 ta' Frar, 1954 ma hux realment donazzjoni, imma negozju ġuridiku ieħor li jagħti lok għar-retratt; (2) jiġi dikjarat u deċiż illi r-retratt eżerċitat minnu biċ-ċedola preċitata tad-29 ta' Marzu, 1954, huwa validu. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

**Illi preliminarment il-konvenuti jeċċepixxu illi l-kawża-**

li taċ-ċitazzjoni hi monka, għaliex fiċ-ċitazzjoni l-attur ma speċifikax b'mod ċar u preċiż x'inhu n-negozju li huwa jippretendi li sar minnhom minflok id-donazzjoni. Fin-nota tagħhom, imbagħad, il-konvenuti ssottomettew illi fil-kawżi ta' simulazzjoni l-kawżali trid tkun preċiża u ċara, u l-attur għandu jgħid x'inhuwa n-negozju illi jippretendi li sar, u jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja ċara u preċiża "ad hoc";

Illi, rigward din l-eċċezzjoni, jingħad illi l-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni bejn kawżi ta' simulazzjoni u kawżi oħra, u teżiġi indistintament għall-kawżi kollha illi fiċ-ċitazzjoni tiġi mfissra b'mod ċar u sewwa, minbarra l-oġġett, anki r-raġuni tat-talba jew il-kawżali (art. 155 Kod. Proċ. Ċivili). Fil-każ taħt konsiderazzjoni ma hemmx dubju illi ċ-ċitazzjoni tikkontjeni kawżali;

Verament il-konvenuti ma jgħidux illi ċ-ċitazzjoni hi mingħajr kawżali, imma jallegaw illi din il-kawżali hi monka. Imma ġie deċiż illi, għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-kawżali tkun espressa b'mod lakoniku, iċ-ċitazzjoni ma tkunx nulla jekk dik il-kawżali tkun mfissra tajjeb (Vol. XXIV-II-501), u sakemm ma tkunx difettuża talment li minħabba f'hekk il-konvenut jiġi preġudikat, għaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruħu (Vol. XXIX-I-106). F'dan il-każ, il-kawżali fiċ-ċitazzjoni hija mfissra b'mod ċar u sewwa, u hi dik li l-akkwist tal-konvenuti ma sarx b'titolu ta' donazzjoni, imma "b'titolu ta' bejgħ jew trasferiment oneruż". Issa, fil-kawżi ta' simulazzjoni l-indaġini li trid issir hi dik relattiva għall-"causa simulandi" (Vol. XXIV-II-295); u jekk jiġi f'dan il-każ stabbilit illi d-donazzjoni kienet simulata, hu indifferenti jekk fir-realtà kienx jittratta minn bejgħ jew minn xi trasferiment ieħor oneruż; basta li kien jagħti lok għar-retratt (Vol. XXXIII-II-457);

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti ma tidherx sostenibbli;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-istess eċċezzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; u tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tas-26 ta' April, 1955, għat-trattazzjoni tagħha fil-meritu.

---